FIL-QORTI TAL-=MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

Illum 15 ta' Frar 2017

Il-Pulizija
(Spett Luke Bonello)

Vs

Jonathan Sammut

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 206088(m), akkuzat talli nhar it-13 ta' Jannar 2014 ghal-habta ta' bejn 00.30am u 01.30am gewwa San Giljan:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqiegehd il-hajja ta' Veselin Toshev f'periklu car, ikkaguna lill-istess Veselin Toshev hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi;
2. fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi hebb kontra Veselin Toshev, sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara;
3. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kas ta' htija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Veselin Toshev u/jew ta' persuni ohra, u/jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza u/jew ta' individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini tal-Artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizju tal-Avukat Generali;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d.dokumenti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat, sostanzjalment, jittrattaw il-ferita gravi li hu allegat ikkaguna lill-certu Veselin Toshev fl-istabiliment "Hugo's" gewwa Paceville. Il-provi juru li fil-gurnata u hin imsemmija fl-akkuza kienu intefghu numru ta' tazzi bejn gruppi zghar ta' persuni lejn xulxin u l-imputat gie akkuzat li b'tazza li kien tefa' hu kien laqat f'ghajnu lill-imsemmi Toshev, gja impiegat fl-imsemmi stabiliment.

L-imputat permezz tal-abbli Avukat tieghu stieden il-Qorti sabiex tikkonsidra l-aspett tal-involontarjeta' tal-azzjoni tieghu fil-kuntest tal-Artikolu 234 b'referenza ghall-Artikoli 225 u 226(c) tac-citat Kap.

Ikkonsidrat:

Li ghal dan il-Qorti tghid li hu x'inhu il-kaz l-imputat huwa presunt li ried l-konsegwenzi naturali u obvji tal-att volontarju tieghu – "dolus indeterminatur determinatur ab exitu", jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu, li jsib riskontru fid-ditto "dolus praesumitur contra versantem in illecito". U gialadarba jirrisulta wisq car li l-parti leza verament sofriet l-ferita f'ghajneh u l-imputat," ex admissis" fix-xhieda tieghu, stqarr li xi tazza hu tefaha ghaldaqstant ghandu jinstab hati li ikkaguna il-ferita meritu dawn il-proceduri, liema ferita, hi l-fehma tal-Qorti gravi, minhabba biss in-natura u l-konsegwenzi naturali taghha ai termini tal-artikolu 216 fl-incis (1a) tieghu.

Dwar l-offizi kontravenzjonali: dik taht l-Artikolu 339(1)(d) hija assorbita fl-ewwel akkuza; fil-waqt li dik taht l-Artikolu 338(dd) tirrizulta izda hu applikabbli fil-konfront taghha l-Artikolu 17(d) dejjem tac-citat Kap 9.

Ghaldaqstant, tiddikjara l-imputat hati tal-ewwel akkuza, fil-konfront ta' liema rat l-Artikolu 216(2) Kap 9 u tal-offiza kontravenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) fir-rigward liema rat l-Artikolu 17(d) Kap 9. Ikkunsidrat l-attenwanti generici. Tiddecidi li tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 9 ghall-perjodu ta' sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat